**X'irrid inkun naf biex nipprepara ruħi għall-eżami ta' Nofs is-Sena**

## ▶ GRAMMATIKA:

**1.** l-Għadd tan-Nom (il-Farrad Waħdieni u l-Kollettiv, il-Plural Imtenni, il-Plural Sħiħ u l-Plural Miksur);

**2.** il-Possessiv, it-'T' marbuta (man-numri 2-10), l-Istat Kostrutt;

**3.** il-Pronom (x'inhu u t-tipi ta' Pronomi: Personali, Dimostrattiv, Interrogattiv, Relattiv, Riflessiv, Mehmuż [ma' Nomi, Verbi u Partiċelli]);

**4.** il-Verb, il-Mamma u l-Għerq / il-Verb Trilitteru u Kwadrilitteru.

## ▶ QWIEL/IDJOMI:

Għażla ta' Qwiel li saru fil-klassi.

## ▶ POEŻIJI:

— **Ballata** ta' **Rużar Briffa**
— **Id-Dwejra** ta' **Joe Friggieri**
— **Ġejja x-Xita** ta' **Mary Meilak**
— **Gelmus** ta' **Ġorġ Zammit**

Huwa importanti li tkun taf min kiteb dawn il-poeżiji, x'messaġġ ried iwassal il-poeta (il-ħsieb), id-daqs tal-istrofi u l-versi u l-ismijiet tagħhom, ir-rima li jħaddem il-poeta u xi termini letterarji (ara *handout*). Tajjeb li tkun taf xi tfisser kull kelma li fiha l-poeżija.

## ▶ PROŻA: IL-FUKLAR QADIM U BNADAR IMĊARRTA:

**Kapitlu 1 sa 10:** Huwa importanti li tkun taf l-istorja kollha li qed jirrakkonta Toni lil sħabu tal-maħżen, flimkien ma' xi karattri bħan-nanna Ġolina, iz-zija Antida, in-nannu Tittu, in-nanna Wistina, Paċifku flimkien mal-misteru li jkun qed joffri l-fuklar.

## ▶ KITBA KREATTIVA:

inkun kapaċi nikteb deskrizzjoni ta' persuna f'madwar 80 kelma.
inkun kapaċi nikteb biografija ta' persuna famuża f'madwar 80 kelma.

**Komponiment ta' madwar 250 kelma...** huwa importanti li tevita kemm tista' l-iżbalji peress li dawn itellfu ħafna marki. Importanti li tikteb pjan tal-kitba tiegħek fuq l-istess karta.